MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 195/2012

**A B**
**vs**
**C B, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet tat-3 ta' Jannar 2013 gew mahtura kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri D E B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**
Rat ir-rikors tal-attur, ipprezentat fil-29 ta' Awwissu 2012, li permezz tieghu ppremetta:
1. Illi hu kellu relazzjoni mal-konvenuta C B ghal xi xhur u li minn din ir-relazzjoni fis-6 ta' Mejju 2012 twieled lill-konvenuta C B, il-minuri D E B;
2. Illi ghalkemm l-konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Gunju 2012 kif mitlub skond l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta debitament notifikata lill-konvenuta sabiex tipprezenta nota fejn

tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tal-attur bhala l-missier naturali tal-minuri, l-konvenuta baqghet inadempjenti;

3. Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimta b'Att tat-Twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 2145 tas-sena 2012 taht missier mhux maghruf;

4. Illi l-attur ghandu interess li jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

5. Illi kontestwalment l-attur qieghed jipprezenta rikors biex jinhatru deputati kuraturi biex jirraprezentaw lill-minuri D E B;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri D E B huwa l-iben naturali tal-attur A B billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri D E B numru ta' iskrizjoni 2145 tas-sena 2012, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem *unknown father* jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati: A B, karta tal-identita numru 40982 (M) imwieled fid-29 ta' Lulju 1982 Pieta u residenti l-Mosta, iben Saviour u Mary Anne nee' B u dan minbarra kull taghrif iehor mehtieg mill-intimat l-iehor id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Gunju 2012 kontra l-konvenuta.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti;

Rat l-ittra ufficjali tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta' C B fejn iddikjarat li ma tinnegax il-fatt li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni intima u li frott tal-istess relazzjoni twieled il-minuri D E B;

1. Illi kien l-istess A B li wassal lil esponenti sabiex tiehu d-decizjoni li l-minuri jigi registrat taht "unknown father";

2. Illi dak li wassal lill-esponenti tirreagixxi b'dan il-mod kien proprju minhabba l-fatt li A B dejjem qal li huwa kellu dubji jekk il-minuri huwiex ibnu jew le;

3. Illi fir-rigward tal-ittra ufficjali mahruga mill-attur nhar il-5 ta' Gunju 2012, kienet l-istess raguni cioe d-dubju li l-attur stess dejjem allega li kellu mal-istess konvenuta cioe

li l-minuri mhux ibnu li wassal lill-konvenuta ma tintavolax ir-risposta taghha;

4. Illi ghar-raguni supra ndikata l-konvenuta qeda tipprotesta ruhha kontra kull spiza relatata mal-kaz de quo;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-digriet datat 3 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu nnominat lil l-avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi ghall-minuri ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici ghar-rigward il-minuri D E kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba l-esponenet jinvita lill-attur A B sabiex permezz ta' nota jispecifika (1) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri D E u (2) jekk il-missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel D E. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi D E bin-numru ta' registrazzjoni 2145 tas-sena 2012;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut direttur;

Rat l-atti kollha inkluz l-affidavits tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur A B qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel D E B li twieled fis-6 ta' Mejju 2012 u li fl-Att tat-twelid tieghu numru 2145/2012 gie registrat bhala wild *'unknown father'*, jitnizzel bhala wild l-attur A B.

**Provi**

L-attur fl-affidavit jiddikjara li fit-22 ta' Mejju 2011 beda relazzjoni mal-konvenuta; fuq invit tal-konvenuta, wara biss xaghrejn u nofs, marru *holiday* u matul dan iz-zmien kellhom x'jaqsmu ma' xulxin. Wara din il-*holiday* ma baqghux flimkien ghal xi gimgha u hawn l-attur kellu suspett li l-konvenuta setghat inqabdet tqila f'dak iz-zmien ghax kellha x'taqsam ma' haddiehor dik il-gimgha. Ftit wara regghu bdew johorgu flimkien u kien ikollhom intimita' sesswali ta' spiss. Sussegwentement il-konvenuta inqabdet tqila u din l-ahbar harbtithom u kien ikollhom argumenti li kienu jinqalghu l-aktar minhabba hbiberija li l-konveuta zammet ma' ragel iehor. L-attur kien jiddubita li minhabba f'din ir-relazzjoni il-konvenuta kienet ghazlet l-isem D ghat-tarbija li kienet gejja. Matul it-tqala kien imur maghha ghal viziti medikali. Meta twieldet it-tarbija l-attur ma kienux hallewh jidhol fil-ward. Sussegwentement it-tarbija giet registrata b *'unkown father'* allavolja l-attur kien ried li tigi registrata f'ismu

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tispjega r-relazzjoni turbolenti li kellhom il-partijiet mill-mument li l-konvenuta harget tqila. Hemm diversi episodji dwar li jhassru r-relazzjoni ta' bejniethom imbaghad jergghu jippruvaw jistabbilixxu relazzjoni stabbli. Il-konvenuta tispjega kif l-attur kien kontinwament juri d-dubji tieghu jekk it-tarbija kinitx tieghu filwaqt li jghid li jrid li tigi registrata fuqu. L-attur kien juza tattika ta' intimidazzjoni psikologika fuq il-konvenuta tant li kien jghidilha li meta jikber lit-tifel kien ser jghidlu li waqt li kien qed jitwieled ommu dahlet ragel iehor fis-sala tal-hlas. Dan il-konvenuta tichdu. Tispjega illi l-agir tal-attur li kontinwament kien juri maghha d-dubji li kellu jekk it-tarbija kinitx tieghu li wassalha sabiex ma tirrispondiex ghall-ittra ufficjali li l-attur kien ipprezenta fir-

rigward tal-paternita' dikjarata tieghu fil-konfront tal-minuri D E B.

Xehdet ukoll Dr Marisa Cassar li kkonfermat li kienet hi li gabret il-kampjuni orali tal-attur, tal-konvenuta u tal-minuri u ccertifikat li l-missier naturali tal-minuri D A B kien l-attur A B.

**Konsiderazzjonijiet**

L-artikolu 86 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*

*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effetti u ma jigix registrat kemm-il-darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel immifsu jekk ikun lahaq l-eta' , ma jkunux gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha taplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz, u t-tifel, ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, qablu li ssir dik ir-registrazzjoni, f'liema kaz dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi;*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta' ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni kew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti bl-artikolu 86 fuq citat huma sodisfatti. Ir-rapport tad-DNA ipprezentat u mahluf minn Dr Marisa Attard (fol.40) ma jhalli l-ebda dubju dwar minn hu effettivament missier il-minuri. Gew prelevati kampjuni minn fuq il-persuna tal-attur, tal-konvenuta u tal-

minuri u mid-DNA tests li saru jirrizulta li l-attur huwa l-missier

Fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji il-konvenut Direttur fir-raba' paragrafu tar-risposta guramentata tieghu jeccepixxi illi m'ghandux ibati spejjez ta' din il-procedura in kwantu xejn minn dak premess mill-attur ma jista' jigi attribwit lilu.

Fir-risposta guramentata taghha l-konvenuta teccepixxi illi agixxiet kif agixxiet stante l-allegazzjonijiet li ripetutament kien jaghmel l-attur fil-konfront taghha li l-minuri ma kienx il-wild naturali tieghu.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonsidra li l-attur u l-konvenuta ghandhom jaghmlu tajjeb fi kwoti indaqs bejniethom ghall-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda tiddisponi mir-rikors guramentat u mir-risposti guramentati tal-konvenuti billi:-

1. Tiddikjara li l-minuri D E B huwa l-iben naturali tal-attur A B.
2. Tordna lid-Direttur Tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri D E B numru ta' iskrizjoni 2145 tas-sena 2012, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem *unknown father* jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati: A B, karta tal-identita numru 409482 (M) imwieled fid-29 ta' Lulju 1982 Pieta u residenti l-Mosta, iben Saviour u Mary Anne nee' B.

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-attur u l-konvenuta C B f'ishma indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------